VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,856, 17 ta' Jannar, 2012
Taqsima D

K.L.B.L. 30/01/2012

ATT DWAR IL-KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Bye-laws tal-2012 dwar Kiri ta' Garaxxijiet tać-Ċentru Ċiviku Ta' Kerċem (Kunsill Lokali Ta' Kerċem)

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikoli 34, 35, u 36 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem għamel dawn il-*Bye-Laws* li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-laws* tal-2012 dwar Kiri ta' Garaxxijiet tać-Ċentru Ċiviku Ta' Kerċem (Kunsill Lokali Ta' Kerċem).

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta.

Tifsir.

2.1 F'dawn il-*Bye-Laws* kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"inkwilin" tfisser kull firmatarju li jkun qed jikri l-garaxx;

"il-Kunsill" ifisser il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem;

"sid" tfisser il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem.

2.2 F'dawn il-*Bye-Laws*, kull fraži li dwarha hemm tifsira fl-Att ikollha l-istess tifsira kif mogħtija fl-Att.

Arja tal-garaxx.

3 Permezz ta' kuntratt bejn is-sid u l-inkwilin, is-sid jagħti u jikkonċedi b'kera favur l-inkwilin li jaċċetta u bl-istess titolu ta' kera jieħu l-garaxx mingħajr l-arja tiegħu.

Titjib fil-fond.

4 Il-kerrej għandu jkun unikament responsabbli li jħallas għall-ispejjez ta' kull xorta li jkollhom x'jaqsmu mat-titjib jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

mal-manutenzjoni tal-fond u kull titjib jew manutenzjoni bħal dak għandu jibqa' fil-fond għall-benefiċċju ta' sid il-kera, li ma jkunx obbligat irodd lura lil kerrej dawk l-ispejjez imġarrba.

Sejħa għal offerti.

5.1 Dawn il-garaxxijiet ikunu jistgħu jinkrew biss wara sejħa pubblika għall-offerti.

Validita' tal-kuntratt

5.2 Il-kuntratt imsemmi f'*bye-law* 3 ikun validu għal perjodu ta' ħames (5) snin. Wara dawk il-ħames snin għandha ssir sejħa pubblika oħra għall-offerti.

Rati ta' kera.

6 Ir-rata ta' kera fis-sejħa għall-offerti għall-garaxxijiet tkun bi prezz ta' mhux inqas minn:

(a) disa' mitt euro (€900) għal garaxx ta' karozza waħda (1), għal sena sħiħa;

(b) elfejn euro (€2,000) għal garaxx ta' tliet (3) karozzi, għal sena sħiħa.